31983R2882

L 283/13 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 15.10.1983

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2882/83
tat-13 ta' Ottubru 1983
dwar il-klassifika ta' l-oġġetti fl-intestatura Nru 97.04, is-subintestatura Ċ tat-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar 1969 dwar il-miżuri li jridu jittieħdu sabiex tiġi applikata b'mod uniformi n-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikolari Artikolu 3 tiegħu,

Billi, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, iridu jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-klassifika tat-tariffa ta' logħba elettronika (110 × 73,5 × 8 mm), li tikkonsisti f'kaxxa tal-metall u tal-plastik, b'liżar tal-kristall likwidu għall-wiri, u li fiha ċirkwit integrat monolitiku programmat għal-logħba (li juri kemm itellaMembru tal-Kummissjoni punti min ikun qiegħed jilgħab), arloġġ u l-funzjonijiet ta' l-allarm u ta' kalkolatur;

Billi t-Tariffa Doganali Komuni annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 604/83 [3], tirreferi fl-intestatura Nru 97.03 *inter alia* għall-ġugarelli u fl-intestatura Nru 97.04 *inter alia* għall-apparat tal-logħob tas-salotti; billi dawn iż-żewġ intestaturi jixirqilhom konsiderazzjoni għall-klassifika ta' l-oġġetti msemmija hawn fuq;

Billi, fuq il-bażi tad-disinn u l-użu tagħhom, l-oġġetti għandhom il-karattru essenzjali ta' logħba elettronika;

Billi, b'żieda maMembru tal-Kummissjoni dan, dawn il-logħbiet, minħabba li jipprovdu illi l-punti ta' minn ikun qiegħed jilgħab iridu jidhru fuq il-liżar, huma ddisinjati għall-kompetizzjoni kontra oħrajn li jkunu qed jilagħbu fuq il-bażi tan-numru tal-punti mirbuħa; billi, bħala konsegwenza ta' dan għandhom jiġu kkunsidrati bħala apparat tal-logħob tas-salotti u għalhekk klassifikati fl-intestatura Nru 97.04, is-subintestatura Ċ tat-Tariffa Doganali Komuni;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-logħob elettroniku, li jikkonsisti f'kaxxa tal-metall u tal-plastik (110 × 73,5 × 8 mm), b'liżar tal-kristall likwidu għall-wiri, u li jkun fih ċirkwit integrat monolitiku programmat għal-logħba (li juri l-punti mirbuħa minn min ikun qiegħed jilgħab), l-arloġġ u funzjonijiet ta' l-allarm u ta' kalkolatur, huma kklassifikati, fit-Tariffa Doganali Komuni, fis-subintestatura:

97.04 Apparat għal-logħob tas-salotti, għal fuq l-imwejjed u għall-fieri għall-kbar u għat-tfal (inklużi l-imwejjed tal-billjard u l-ħtiġiet tat-*table-tennis*);

Ċ. Oħrajn.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Ottubru 1983.

Għall-Kummissjoni

Karl-Heinz NARJES

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.
(2) ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.
(3) ĠU L 72, tat-18.3.1983, p. 3.